# Wirt il-Qrendin

minn **Tony Terribile**



Is-sena l-oħra kelli l-okkażjoni li niġi l-Qrendi għall-ġimgħa kulturali li saret f'Novembru.

Kienet okkażjoni tabilħaqq interessanti li fiha saru ċelebrazzjonijiet marbuta ma' bosta aspetti tal-ħajja tal-poplu tagħna.

In-nies apprezzat dawn l-attivitajiet u dan deher ċar bl-attendenza matul il-ġimgħa.

F'din il-ġimgħa ġie wkoll imfakkar ir-restawr ta' l-orgni l-qadim tal-knisja parrokkjali u ta' l-erba' kappelli filjali li jinsabu fil-limiti ta' din il-parroċċa.

Ix-xogħol fuq dan ir-restawr kien beda żmien ilu u f'din il-ġimgħa, il-Qrendin, u magħhom Maltin oħra raw ir-riżultat tal-ħidma.

Personalment tkellimt fuq dawn l-erba' kappelli, fil-knisja ta' Santa Katarina. L-attendenza kienet tabilħaqq sodisfaċenti u l-istess l-interess qabel u wara l-laqgħa u għalhekk ħsibt li jkun xieraq li f'din il-kitba naraw fil-qosor xi ġrajjiet dawn il-kappelli.



## Is-Salvatur

Il-bidu ta' din il-knisja jmur lura għas-seklu dsatax u nbniet minn Beneditt Camilleri flok oħra aktar qadima.

Il-faċċata tagħha hi tipika ta' dawk iż-żminijiet jiġifieri faċċata lixxa, b'kampnar fin-nofs u tieqa tonda fin-nofs tagħha maħsuba u mfassla biex iddawwal il-knisja.

Fl-1876 saru xi tibdiliet fiha, infetħu ż-żewġt itwieqi fil-faċċata, sar portiku fuq il-bieb maġġur min-naħa ta' ġewwa, tpitter is-saqaf u saret għamla ta' prospettiva għall-kwadru titulari.

Għall-arkitettura tagħha din il-knisja dejjem ġibdet l-attenzjoni ta' l-istudjużi ta' l-arkitettura fosthom tal-Professur Quintin Hughes li kkummenta dwarha fl-ewwel studju tiegħu dwar l-arkitettura tal-gżejjer tagħna.

Din il-knisja għamlet żmien mitluqa iżda f'dawn l-aħħar snin ġiet irrestawrata u mogħtija d-dehra li għandha llum.



Dan ir-restawr sar għal skop qaddis, li tkun ċentru ta' qima ewkaristika u għalhekk din il-knisja tkun miftuħa kuljum, filgħodu u filgħaxija għall-adorazzjoni perpetwa.

## San Mattew

Il-knisja ta' San Mattew hi waħda mill-aktar knejjes interessanti li nsibu fil-gżejjer tagħna, l-ewwelnett minħabba l-ġrajja marbuta magħha li tmur lura sew fis-snin, u li magħha hemm marbuta l-knisja l-qadima, u t-tieninett minħabba l-knisja l-kbira mibnija bejn l-1674 u l-1683 fi żmien il-kappillan Formosa.

Fil-gwerra ġarrbet bosta ħsarat, iżda meta din intemmet il-partijiet imġarrfa reġgħu nbnew mill-ġdid kif kienu taħt it-tmexxija tal-perit Salvinu Privitera.

Fil-knisja wieħed jista' japprezza bosta ħwejjeġ artistiċi u interessanti, fosthom il-kwadru titulari, attribwit lil Giuseppe D'Arena.

Artistiku wkoll huma l-altar, il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju u bosta kwadri oħra li wħud minnhom jidhru li huma xogħol ta' artisti Maltin.

## Sant'Anna



Il-knisja ta' Sant'Anna nbniet bħala radd il-ħajr minn Giovanni Schembri fis-seklu sittax wara li kien irnexxielu jeħles mill-gwaj ta' l-Assedju l-Kbir ta' l-1565.

Barra l-bini tagħha, dan il-benefattur, ħalla wkoll ġidu lil din il-knisja skond kif jidher fl-atti tan-nutar Ġulinu Briffa tas-17 ta' Settembru ta' l-1585.

Maż-żmien il-knisja ġiet ipprofanata iżda fl-1796 inbniet il-knisja li naraw illum. Il-kwadru titulari ta' din il-knisja, li jidher li hu xogħol Malti ta' dawk iż-żminijiet, jirrappreżenta lill-qaddisa toffri tuffieħa lil Ġesù Bambin.

Il-knisja fiha bosta Ex Voti mogħtija lill-qaddisa bħala ħajr wara xi grazzji straordinarji li kienu nqalgħu.

Biex ikompli jqajjem din id-devozzjoni lejn Sant'Anna, fl-1892, Dun Ġwann Farrugia waqqaf statwa sabiħa tal-ġebel tal-qaddisa qrib din il-knisja.

## Santa Katarina

Din il-knisja hi waħda mill-eqdem knejjes ta' Santa Katarina fil-gżejjer tagħna, kemm hu hekk meta Monsinjur Pietro Duzina żar il-gżejjer tagħna fl-1575, ħalla rapport dwarha.



Fl-1624 ġiet ipprofonata u flokha nbena salib tal-ġebel bħala tifkira, iżda ftit wara, Beneditt Camilleri reġa' daħal għall-ispejjeż tal-bini tagħha.

Din bniha ftit 'il bogħod minn fejn kienet il-knisja oriġinali u żejjinha b'dak kollu li kien meħtieġ. Kull sena bdiet tiġi ċċelebrata l-festa tal-qaddisa fil-25 ta' Novembru u qrib tagħha waqqaf ukoll ċimiterju.

Minn ġewwa l-knisja hi mżejna b'saqaf tond. Il-kwadru titulari, għalkemm ma fih ebda valur artistiku, jidher li fih valur storiku. Hu kwadru storiku li fih jidhru ż-żewġ benefatturi li ħallsu għalih impittra fiż-żewġ irkejjen ta' isfel. Din kienet knisja oħra magħluqa u mitluqa u kważi minsija, iżda llum, permezz tar-restawr li sar fiha, reġgħet irxuxtat mill-ġdid.

Dawn l-erba' kappelli huma monumenti żgħar ta' mħabba marbuta ma' ġrajjiet il-Qrendi.


